**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru : 174/2019**
**Kawza Numru : 22**

**CA**
**vs**
**DF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CA, datat 16 ta' April 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet ikkontrattaw iż-żwieġ fil-ħamsa (5) ta' April tas-sena 2005 (Dokument CA1) u miż-żwieġ tagħhom ma kellhomx tfal;*

2. *Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Robert John Muscat, animo ritirandi, fil-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena 2010 (Dokument CA2).*

3. *Illi kif ingħad, il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti ġie ppubblikat aktar minn erbgħa snin ilu;*

4. *Illi kif jirriżulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-*

*separazzjoni tagħhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-ħlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi tagħhom illi jitolbu l-manteniment mingħand xulxin (Artikolu 2 a fol 2 tal-istess kuntratt).*

5. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.*

6. *Illi għalhekk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex meħtieġ illi issir medjazzjoni bejniethom.*

*Għaldaqstant, l-esponent titlob bir-rispett illi, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66 C tal-Kapitolu 16, ukoll sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66 B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66 C.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat baqa' kontumaci;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fakolta moghtija minn din il-Qorti lil intimata sabiex jipprezenta is-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Art.158(10) tal-Kap.12;

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

**Ikkonsidrat;**

**CA** xehdet bil-ġurament (fol 20) illi hija iżewwġet lil DF fil-5 ta' April 2005 u li minn dan iż-

żwieġ ma twieldux tfal. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fil-11 ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) a fol 2 et seqq tal-proċess. Xehdet illi l-partijiet ilhom isseparati għal għaxar snin, minn dak iż-żmien ma kienx hemm rikonċiljazzjoni u lanqas hemm tama tal-istess. Problemi ta' manteniment ma hemmx.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' April 2002 (fol 10) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Robert Muscat, datat 11 ta' Jannar 2010 (fol 2 et seqq.), u għalhekk jirriżulta illi l-partijiet ilhom legalment separati għal aktar mill-erba' snin rikjesti mil-liġi.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi gie pruvat li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**